MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 380/2008

**MEM Holdings Limited**

**Vs**

**Victor Vella u Carmen Vella**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-esponent Mario Grixti huwa direttur u ghandu ir-rappresentanza legali tas-socjeta` attrici MEM Holdings Limited.

Illi l-istess socjeta` MEM Holdings Limited, hija kreditrici tal-konvenuti intimati Victor Vella u Carmen Vella fis-somma ta’ hamsa u sittin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmi (€ 65,222.46), ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf lira Maltin (LM 28,000), dovuti minnhom in parti bhala rifuzjoni ta’ flus avvanzati lilhom mis-socjeta` kreditrici in konnessjoni ma negozju, u in parti bi hlas ta’ servizzi rezi lilhom mill-istess socjeta` kreditrici.

Illi bi skrittura privata datata 7 ta’ Novembru, 2007, il-konvenuti irrikonoxxew id-debitu taghhom u kkonstitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri favur is-socjeta` attrici fis-somma fuq imsemmija u inoltre obbligaw ruhhom li jhallsu imghax ta’ tmienja fil-mija jew kull rata oghla permessa mill-ligi, fuq il-bilanc li jkun ghadu dovut sa zmien sentejn mid-data ta’ l-iskrittura, cioe` fis-7 ta’ Novembru, 2009.

Illi minkejja li l-esponenti kemm-il darba talbet il-hlas, u minkejja li l-konvenuti kellhom mezzi biex ihalsu, dawn baqghu ma halsux l-ammont dovut minnhom.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civli (Kap.12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn taf l-esponenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundanna lill-konvenuti intimati ihallsu lill-esponenti s-somma ta’ hamsa u sittin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmi (€65,222.46) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf lira Maltin (Lm28,000) dovuti minnhom bhala rifuzjoni ta’ flus avvanzati lilhom u ta’

servizzi rezi lilhom, skond l-iskrittura tas-7 ta' Novembru, 2007 kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni, tal-mandat ta' sekwestru, u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet skond kif stipulat fl-imsemmija skrittura tas-7 ta' Novembru, 2007 b'effett mis-7 ta' Novembru, 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Mario Grixti  u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi u illi l-konvenuti ma wrewx, imqar prima facie illi ghandha eccezzjonijiet tajbin xi jressqu kontra t-talba tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota li biha l-attrici naqqset it-talba ghal €58,933;

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kif imnaqqsa bin-nota tat-8 ta' Lulju, 2008, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------